IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.12.2020
COM(2020) 776 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej

(1) SFOND

L-Artikolu 3(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej[1] jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta l-atti delegati. F'konformità mal-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament, is-setgħa li tadotta l-atti delegati tingħata għal perjodu ta' ħames (5) snin mill-11 ta' Awwissu 2011. Dawn is-setgħat iridu jiġu estiżi b'mod taċitu għal perjodi ta' ħames (5) snin, sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni għal din l-estensjoni min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' (9) xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel Rapport f'Novembru 2015[2]. Id-delega tas-setgħa ġiet estiża awtomatikament għal ħames (5) snin oħra, għax il-Parlament u l-Kunsill ma rrevokawhiex skont l-Artikolu 9(3).

Dan huwa t-tieni rapport dwar l-eżerċitar tas-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej.

(2) L-EŻERĊITAR MILL-KUMMISSJONI TAS-SETGĦAT IDDELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 691/2011

Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) Nru 691/2011, il-Kummissjoni adottat biss ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/172[3].

Dan l-att jispeċifika l-prodotti tal-enerġija msemmija fit-Taqsima 3 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 691/2011. Dan l-att delegat kien speċifikament previst fir-Regolament (UE) Nru 538/2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011[4]. Lista ta' prodotti tal-enerġija għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej hija element essenzjali biex ikun jista' jiġi ddeterminat l-ambitu ta' din l-istatistika, biex tkun tista' titqabbel id-*data* bejn pajjiż u ieħor, u biex tkun żgurata l-konsistenza interna (il-bilanċ) tal-kontijiet tal-fluss tal-enerġija fiżika.

[1] ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1

[2] Rapport dwar l-eżerċitu tas-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej, COM (2015)577 final.

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/172 tal-24 ta' Novembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċifikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija (ĠU L 33, 10.2.2016, p. 3).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 113).

Il-biċċa l-kbira tal-prodotti tal-enerġija meħtieġa għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej huma aggregazzjonijiet tal-lista ta' prodotti tal-enerġija fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008[5]. Dawn ġew issupplimentati b'kategoriji oħra meħtieġa għall-kontijiet ambjentali iżda mhux stabbiliti fl-istatistika dwar l-enerġija, jiġifieri għall-inputs tal-enerġija naturali u r-residwi tal-enerġija.

Matul il-ħidma preparatorja għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/172, saru konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Eurostat dwar il-Kontijiet Ambjentali u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tan-Nefqa Ambjentali ġew ikkonsultati waqt laqgħa konġunta f'Marzu 2015. Id-Diretturi tal-istatistika u l-kontijiet settorjali u ambjentali (DIMESA) ġew ikkonsultati f'Ġunju 2015. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ġew informati kif xieraq.

Il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn tuża s-setgħat stipulati fl-Artikolu 3(3) u (4) fil-futur qarib biex tirrifletti aħjar il-ħtiġijiet tad-*data* tal-politiki attwali tal-UE.

(3) KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni eżerċitat sew is-setgħat delegati lilha u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li tkompli jkollha s-setgħat delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011, peress li jista' jkollha bżonn tadotta atti delegati fil-futur biex tirrifletti l-progress fil-metodoloġiji tal-istatistika u taġġusta l-prijoritajiet biex tissodisfa l-ħtiġijiet il-ġodda għall-informazzjoni ambjentali.

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).